# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' 2 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 113/2020**

**DENNIS FALZON ET**
**(KI 74158M)**

*VERSUS*

**LEE MERCIECA ET**
**(KI 279586M )**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fis-17 ta' Gunju 2020 (a fol 1 et seq), l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf erbgha mija tlieta u sittin Ewro (EUr 1,463.00) liema ammont jirraprezenta hlas ghal kiri ta' taxi tal-marka Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni ALY 092, skond skrittura quddiem in-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel.

Ra r-risposta tal-konvenuti ipprezentata fid-9 ta' Settembru 2020 fejn il-konvenuti ecceppew illi l-ammont ta' eur 823 li tirraprezenta l-ahhar kera tal-vettura mhux dovuti ghaliex ic-cwievet tal-vettura kienu inghataw lura lill-atturi. Fir-rigward ta' l-ammont ta' Eur 640 li jirraprezentaw hsarat, gie eccepit illi l-konvenut kien qabel ma' l-attur illi jinzammu l-ammont ta' Eur 412 biex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti processwali.

Sema t-trattazzzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra t-talbiet imressqa quddiemu, ikun utli illi ssir sintezi tal-provi migjuba.

Permezz ta' affidavit, xehed Carl Falzon, illi kellu prokura favurih sabiex jiffirma ghan-nom tal-genituri tieghu fuq materji relatati mal-vettura ALY 092. Ix-xhud ighid illi kien ircieva telefonata minghand it-tellar, Mark Vella, li l-vettura kienet lesta mit-tiswijiet. Dan minkejja illi huwa ma kienx ha din il-vettura ghat-tiswijiet. F'dan iz-zmien, il-vettura kienet ghand il-konvenut Lee Mercieca.

Ix-xhud ighid illi fit-18 ta' Frar 2020, it-tellar baqa jinsisti li tingabar il-vettura li kienet propjeta ta'missieru izda kien ghad baqa xahar u nofs kirja fuq l-imsemmija vettura. Minkejja li x-xhud baqa jinsisti biex il-konvenut jigbor il-vettura minghand it-tellar, il-konvenut baqa jirriffjuta. F'dawnic-cirkostanzi, x-xhud ighid illi mar jigbor il-vettura minghand it-tellar ghaliex il-konvenut ma kienx jinteressah jigbor l-imsemmija vettura. Ix-xhud ighid illi hallas l-ammont ta' Eur 472 lit-tellar. Minkejja dawn it-tiswijiet, ix-xhud ighid illi hu flimkien ma' missieru indunaw illi l-vettura kellha iktar daqqiet u fil-fatt ittiehdu ritratti ta' dawn il-hsarat. Sabiex issewwew dawn il-hsarat, ix-xhud ighid illi intefqu Eur 70 ghal bieba tal-lemin u Eur 100 ghal packing tal-bieba.

L-attur Dennis Falzon xehed ukoll permezz ta' affidavit fejn ighid illi ibnu Carl Falzon kien infurmah li l-konvenut kien qallu li l-kirja tal-vettura mikrija lilu kienet ser tiskadi. Izda iben l-attur spjega lill-konvenut illi kien baqa xahar u nofs biex din il-kirja tiskadi. L-attur ighid a Fol.19, *"Jien tkellimt m'ibni u ghidtlu javza lil Lee li hu setgha jgib il-karozza zahar qabel pero xorta kien se jkollu jhallas il-kirja tax-xahar ta' Marzu, hekk kif stipulat fil-kuntratt."*

Maria Theresa Falzon, xehdet fl-udjenza tas-16 ta' Dicembru 2020, fejn qalet illi hi u r-ragel taghha kienu dahlu f'kuntratt ta' kirja ghal sena, fuq vettura, datat 13 ta' Marzu 2019. L-attrici tghid illi fi Frar 2020 hija flimkien mar-ragel kienu l-Awstralja meta t-tifel taghhom Carl kien infurmahom illi l-konvenut kien infurmah illi kien ser jirritorna l-vettura qabel.

Xehed ukoll Anthony Vella, panel beater, li jahdem flimkien mat-tifel tieghu Mark Vella, taht l-isem "Twanny's Garage". Ix-xhud ighid illi l-konvenut kien hadlu vettura ghal quotation ghal tiswijiet fil-bumper ta' quddiem u l-mudguard tax-xellug fuq in-naha ta' quddiem. Wara madwar hamest ijiem, il-konvenut kien mar lura ghand ix-xhud, accetta l-istima u l-hsarat gew imsewwija. Meta l-vettura kienet lesta, l-konvenut ma bediex iwiegeb sabiex jigbor il-vettura u minflok irrisponda s-sid. Ix-xhud jikkonferma illi kien Carl Falzon illi hallsu u li gabar il-vettura minghandu. Lill-konvenut qatt ma rah iktar minn meta hallielu l-vettura ghandu. Il-hlas li sar mit-tifel ta' l-attur jidher fl-ircevuta fiskali li tinsab a fol.30.

In-Nutar Gerard Spiteri Maempel ikkonferma b'affidavit illi kienet saret skrittura bejn l-aturi u l-konvenuti, ghall-kiri tal-vettura ALY 092 ghall-hlas ta' Eur 823 fix-xahar, dekoribbli mill-14 ta' Marzu 2019 ghal perjodu ta' sena.

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022, xehed Dennis Falzon in kontro ezami li kkonferma illi l-vettura kienet irregistrata f'ismu. (Fol.46). L-attur ighid illi l-vettura harget bil-'Y' plate mill-ewwel ghax l-intenzjoni kienet li jahdem biha hu izda minhabba pronblemi medici ma setax jaghmel dan. Il-vettura imsemmija kienet intuzat ghal madwar gimgha mit-tifel ta' l-attur qabel inghatat lill-konvenuti. L-attur jikkonferma illi d-depozitu ta' Eur 412 ghadu mizmum minnu.

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022, xehed il-konvenut Lee Mercieca illi qal illi kien mar jara l-vettura li kien ser jikri u li din il-vettura kienet fi stat ta' *"la kienet jigifieri kkundizzjonata u lanqas b'hafna daqqiet, normali, karozza – sorry karizza ta' wear and tear."* Il-konvenut ighid illi l-vettura kellha 20,000 kilometru meta kriha minghand l-attur. Ikompli jghid illi qabel ma rritorna l-vettura, l-konvenut kien laqat l-imsemmija vettura u ghaldaqstant hadha ghand *panel beater*. Rigward ic-citazzjonijiet, l-konvenut ighid illi kien jghaddohomlu t-tifel ta' l-attur u huwa kien ihallas lill-istess Carl Falzon biex ihallas l-istess citazzjonijiet.

Il-konvenut A fol.56, jikkonferma illi huwa rritirna l-vettura lura qabel l-iskadenza tal-kirja ghaliex l-attur ma riedux ihaddem xufiera barranin. Ir-raguni tal-konvenut ghaliex ma hallasx lil panel beater tingabar f'dak li jghid a Fol.57, *"Jien ma ppretendejtx li jhallsuhom is-sinjuri -jimpotta. Ghax jien kelli d-deposit ta' Eur 400 ghandhom u l-kont kien qalli li hu Eur 400 ghidt mela Dennis mhux ha jtini d-deposit, ghax kien naqra bil-battibekki peress li kont ha ntihulu lura. U qbadt u ghidt mela jiranga mieghu dirett."* Il-konvenut ighid ukoll illi ma kienx gharraf lil panel beater illi l-hlas kellu jsir minn xi haddiehor.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza tittrata ammont dovut ghal rimanenti perjodu ta' kirja fuq vettura kif ukoll spejjez ta' hsarat u citazzjonijet illi l-attur kellu jhallas ghal traskuragni u/jew negligenza tal-konvenut, li kellu l-vettura ta' l-attur ghal perjodu ta' sena.

Illi l-attur qed jitlob is-somma totali ta' elf erbgha mija tlieta u sittin Ewro (EUr 1,463.00) li tinqasam kif gej: -

- Eur 823 ghal xahar kirja skond il-ftehim li kien gie iffirmat bejn il-partijiet
- Eur 640 ghal hsarat illi kellha l-vettura meta giet irritornata lura mill-konvenut ghand l-attur

Illi t-Tribunal ser jikkunsidra l-ewwel parti ta' l-ammont mitlub u cioe dak li jirrigwarda x-xahar kirja tal-vettura.

Illi mhux kontestat illi l-partijiet iffirmaw ftehim ghal perjodu ta' sena li kien jibda jiddekkori mit-13 ta' Marzu 2019 u li l-konvenut irritorna lura l-imsemmija vettura xahar qabel. Il-konvenut kien irritorna din il-vettura billi hadha ghand il-panel beater sabiex jaghmel it-tiswijiet u kien ta n-numru tat-tifel ta' l-attur sabiex dan ta' l-ahhar jigbor il-vettura minghand l-istess panel beater.

Illi minn imkien ma jirrizulta illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li din il-vettura tigi ritornata lura qabel iz-zmien. Johrog car mix-xhieda ta' iben l-attur, Carl Falzon u anke mix-xhieda tal-konvenut stess, illi l-istess konvenut ghazel li jirritorna l-vettura billi halliha ghand il-panel beater.

Illi huwa minnu illi l-attur ghaldaqstant kellu pussess tal-vettura, izda dan ghaliex ma kellux triq ohra hlief li jmur jigbor din il-vettura minghand il-panel beater minhabba l-insistenza ta' l-istess panel beater. It-tifel ta' l-attur ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jiehu din il-vettura u dab biss wara li l-istess konvenut abbanduna l-vettura ghand il-panel beater, fejn lanqas biss tah in-numru tat-telefon tieghu biex ikun jista jigi kkuntattjat.

Illi t-Tribunal jaghraf illi l-konvenut heles mill-obbligi f'termini ta' perjodu tal-kirja kif stabbilit mill-ftehim bejn il-partijiet, billi halla l-vettura ghand il-panel beater. Fi kliem iehor, il-konvenut ezonera lilu nniffsu mill-obbligi kontrattwali billi iddepozita l-vettura ghand terza persuna (panel beater).

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jemmen illi l-konvenut ghandu jonora l-obbligi kontrattwali fejn jidhol il-perjodu li l-vettura kienet mikrija u ghaldaqsant ghandu jhallas ghall-ahhar xahar tal-kirja li kien marbut biha.

Illi, deciz dan, jibqa l-ammont ta' Eur 640 li jirraprezenaw hsarat allegatament fuq il-vettura li kienet mikrija.

Illi l-konvenut jikkonferma huwa stess illi l-vettura kellha hsarat li sarulha minnu stess u li ghamel it-tiswijiet ghand panel beater hekk kif waqaf jaghmel uzu minnha. Illi l-ammont ta' hsarat gew ikkwantifikati fl-ammont ta' Eur 472.00 (Fol.30). Dan l-ammont thallas mill-attur. L-argument tal-konvenut huwa li l-attur qed izomm l-ammont ta' Eur 412 bhala depozitu li ghandom jigu irritornati lura u ghaldaqstant il-konvenut ghazel li jaghmel tpaccija. Id-depozitu kellu jigi ritornat lura kemm-il darba ma jkunx hemm spejjez li l-attur ghandu dritt ghalihom.

Illi minkejja illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet sabiex issir xi tpaccija, u li dan ma jistax isir unilateralment, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm-il darba it-talba attrici tintlaqa fit-totalita taghha, l-konvenut ser ikun intitolat xorta ghad-depozitu. Illi ghaldaqstant, jekk il-konvenut ihallas l-ammont mitlub tal-hsarat, l-attur ikun qed igawdi minn unjustified enrichment, ghaliex ma hemm l-ebda skop jew prova li hemm cirkostanzi ohra li a bazi taghhom l-imsemmi depozitu ghandu jintilef.

Illi b'dan ir-ragunement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-depositu ghandu jaghmel tajjeb ghal hsarat li kellhom jithallasu mill-konvenut u li eventwalment ma thallsux. Dan ifisser illi dak l-ammont ta' Eur 472 imhallas ingustament mill-attur ghandu jhallas ghalihom il-konvenut mid-depozitu. Wara kollox il-konvenut stess ighid fir-risposta u anke fix-xhieda tieghu illi din kienet l-intenzjoni tieghu u cioe illi dan l-ammont jittiehed mid-depozitu. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' Eur 60 li jirraprezenta d-differenza bejn id-depozitu u l-ammont imhallas mill-attur ghal hsarat.

Deciz dan l-aspett, jibqa biss il-bilanc ta' Eur 168 li jirraprezentaw hsarat ohra li l-attur sab fil-vettura wara li din giet mehuda minghand il-panel beater.

Illi mhux kontestat il-fatt illi l-vettura kienet ilha sena fit-triq qabel din giet mikrija lill-konvenut. Lanqas huwa kontestat il-fatt illi kien hemm xi zmien illi t-tifel ta' l-attur kien qed juza l-imsemmija vettura. Jigi nnutat wkoll minn dan it-Tribunal, illi meta l-imsemmija vettura giet mikrija lill-konvenut, ma saret l-ebda spezzjoni fejn fiha jigi mmarkat l-hsarat ezistenti fuq il-vettura li tkun qed tinkera bhal ma hi l-prassi f'tali industrija. Mizjud ma' dan, it-Tribunal jinnota wkoll illi minkejja li gew ipprezentati ircevuti ghad-danni imhallas ma dawn il-hsarat, it-Tribunal m'ghandu l-ebda prova li dawn gew ikkagunati mill-konvenut.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal jemmen illi dan l-ammont mitlub mhux gustifikat u ppruvat.

Illi tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici ghandha tintlaqa limitatament fl-ammont li jirraprezenta xahar kirja u d-differenza bejn l-ammont tad-danni u d-depozitu li ghandu f'idejh l-attur.

Decide

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ tmien mija tlieta u tmenin Ewro (Eur 883.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallasu l-ammont ta’ Eur 883.00 bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mid-data ta’ din id-decizjoni u li jibqa’ ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu fi kwoti ta’ tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur